A.L. 26 ta' l-1986

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1986 dwar Amplifikaturi tas-'Signals' tar-Radju u/jew tat-T.V.
(Ordni Nru. M 17 ta' l-1986)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijet u Oġġetti Lokali), il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1986 dwar Amplifikaturi tas-*Signals* tar-Radju u/jew T.V., u jista' jissejjaħ l-Ordni Nru. M 17 ta' l-1986.

1.2 Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 jum minn meta jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati liema data tiġi avżata mill-Bord fil-Gazzetta.

Għan.

2.1 Dan l-ordni japplika għal Amplifikaturi tas-*Signals* tar-Radju, T.V. (*booster*) li jiġu stallati bħala amplifikaturi "*mast head*" għal użu domestiku sabiex ikunu amplifikati *Signals* tar-Radju/T.V. fuq il-*bands* VHF u UHF u sabiex jipprovdu *impedence matching* xieraq bejn l-*aerials* riċevituri u s-*set* domestiku relattiv tar-Radju/T.V.

Tifsir.

3.1 F'dan l-ordni —

3.1.1 "unità" tfisser Amplifikatur tas-*Signal* tar-Radju/T.V. kif imfisser fil-paragrafu 2.1 ta' hawn fuq.

3.1.2 "provvista tal-kurrent" tfisser il-kaxxa tal-kurrent stallata ġewwa biex tipprovdi l-unità bil-provvista meħtieġa ta' elettriku b'vultaġġ baxx.

3.1.3 "insulazzjoni doppja" tfisser metodu ta' insulazzjoni li bih partijiet tal-metall li jkunu jistgħu jintlaħqu jkunu separati minn partijiet li minnhom ikun għaddej il-kurrent b'insulazzjoni kemm funzjonali kif ukoll protettiva.

Speċifikazzjonijiet.

4.1 L-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin għandhom jitħarsu:

4.1.1 L-unitajiet kollha għandhom jiġu provduti b'reċipjent tal-metall li jagħlaq kompletament il-komponenti ta' l-unità hekk li ma jkunx hemm partijiet li jkunu jidhru.

4.1.2 Ir-reċipjent tal-metall għandu jkun magħluq fkaxxa tal-plastika li minnha ma jgħaddix ilma.

4.1.3 Ir-reċipjent tal-metall m'għandux ikollu xi partijiet u/jew sezzjonijiet li ma jkunux issaldjati jew invitati.

4.1.4 Għandu jkun hemm *screening* bejn id-diversi stadji u/jew sezzjonijiet ta' l-unità.

4.1.5 It-*terminals* tad-dħul u l-ħruġ ta' l-unità għandhom jiġu provduti b'għoti tal-metall separat invitat tajjeb mal-*body* prinċipali tar-reċipjent tal-metall imsemmi fil-paragrafu 4.1.1.

4.1.6 It-*terminals* kollha li jikkonnettu għandhom ikunu spazjati biżżejjed bejniethom sabiex jiġi evitat kull kuntatt possibbli bejn il-kondutturi interni u esterni tad-diversi *cables*.

4.1.7 It-*terminals* kollha għandhom jitqiegħdu għall-inqas żewġ (2) ċentimetri 'l bogħod mix-xifer ta' isfel tar-reċipjent tal-metall imsemmi fil-paragrafu 4.1.1.

4.1.8 Kull unità għandu jkollha (a) stadju *buffer* bejn id-dħulijiet VHF/UHF u l-ħruġijiet tal-UHF/VHF, u (b) filtru għal *band pass*.

4.1.9 Kull unità m'għandhiex iżżid iktar minn 28 db b'figura ta' ħoss ta' mhux iżjed minn 9 db.

4.1.10 Kull unità għandu jkollha magħha struzzjonijiet ċari u dettaljati. Barra minn hekk, dawn għandhom jinkludu tagħrif ċar kif it-truf tal-*cable* jinqatgħu u jiġu ttrimjati fit-tulijiet meħtieġa u rakkomandazzjoni sħiħa fis-sens illi t-truf kollha tal-*cable* u tat-*terminals* għandhom ikunu ssiġillati fi *grease* tas-silikon jew siġillant ieħor adattat.

4.1.11 Il-vultaġġ li joħroġ mill-provvista tal-kurrent m'għandux ikun iżjed minn 25 volt. Varjazzjoni fil-provvista tal-vultaġġ biex ikun hemm *gain setting* mhix permessa. *Gain settings* għandhom jiġu provduti bil-mezz ta' attenwatur tas-*signal*.

4.1.12 Kull provvista tal-kurrent għandha tkun —

(a) Provduta b'egħluq li minnu ma jkunx hemm aċċess għal partijiet li minnhom ikun għaddej kurrent;

(b) *Earthed* jew provduta b'insulazzjoni doppja; u

(ċ) Tat-tip stabilizzata.

Marki.

5.1 Kull unità u provvista tal-kurrent għandha tkun markata b'mod ċar:

(a) bl-isem kummerċjali jew *trade mark*, jew bl-isem u l-indirizz tal-fabbrikant;

Iżda meta la l-isem kummerċjali u lanqas it-*trade mark* ma jkunu reġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali, l-inklużjoni ta' l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant tkun obbligatorja;

(b) katalgu tal-marka jew in-numru mogħti għal dik ix-xorta;

(ċ) il-vultaġġ li bih jaħdem u l-ogħla grad ta' kurrent;

(d) in-numru ta' approvazzjoni għal dik ix-xorta mogħti mill-Ispettorat tat-Telegrafija mingħajr Fili.

5.1.2 Il-marki għandhom ikunu li ma jitħassrux u li jinqraw, u li wieħed jagħrafhom sewwa fuq l-apparat meta jkun lest biex jintuża.

Approvazzjoni mill-Ispettorat tat-Telegrafija mingħajr Fili.

6.1 Kull unità jew provvista tal-kurrent għandha tkun tax-xorta jew mudell li jqun qabel ġie approvat mill-Ispettorat tat-Telegrafija mingħajr Fili bħala li taqbel ma' l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'dan l-Ordni. Għal dan l-għan, tliet kampjuni ta' kull xorta jew mudell għandhom jingħataw mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant tiegħu lill-imsemmi ispettorat. Wieħed minn kull kampjun għandu jinżamm mill-ispettorat mingħajr ħlas.